MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
EDWINA GRIMA**

Seduta tal-21 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 1771/2003

**Maltcom p.l.c.**

**vs**

**Jason Joseph Desira**

It-Tribunal,

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fid-9 ta' Settembru, 2003, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm141.26) rappresentanti hlas ghal servizz telefoniku li jgib in-numru 21801859, liema servizz gie installat fil-fond bin-numru ufficjali "Brooklyn Bar", Misrah il-Bjar, Zejtun, skond diversi kontijiet mibghuta lilu u dana skond prospett anness u immarkat bhala Dokument A u il-kuntratt relattiv, immarkat bhala Dokument B.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenut.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet tas-socjeta attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi ippruvat (Artikolu 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm notifikat regolarment il-konvenut naqas u ma deherx la fis-seduta tal-31 ta' Ottubru 2003, meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta' llum, u n-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebieti.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta attrici s-somma ta' mija u wiehed u erbghin lira Maltin u sitta u ghoxrin centezmu (Lm141.26), bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------